# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 623.09

## REGOLAMENTI DWAR IL-LIĊENZJAR GĦALL-INDUSTRIJA TAL-KOSTRUZZJONI

18 ta' Lulju, 2023

*L-AVVIŻ LEGALI 166 tal-2023, kif emendat bl-Avviż Legali 36 tal-2024.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Intrepretazzjoni.

"amministratur liċenzjat" tfisser il-persuna kompetenti maħtura mill-entità, jew li hija direttur tal-entità, li fl-isem tagħha tamministrata l-liċenzja maħruġa mill-Awtorità;

"applikant" tfisser entità jew persuna fiżika li tkun issottomettiet applikazzjoni sabiex tikseb liċenzja skont dawn ir-regolamenti;

"approvazzjoni proviżorja" tfisser approvazzjoni maħruga mill-Awtorità dwar applikazzjonijiet għal-liċenzja sottomessi mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Mejju 2024, liema approvazzjoni għandha tawtorizza temporanjament lill-applikant sabiex iwettaq kwalunkwe attivitajiet ta' servizz li fir-rigward tagħhom hija relatata l-applikazzjoni sakemm tiġi deċiża l-applikazzjoni;

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni; Kap. 623.

"attività ta' servizz" tfisser kwalunkwe attività mwettqa minn kuntrattur liċenzjat kif stabbilita fl-Iskeda I;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità tal-Bini u l-Konstruzzjoni kif stabbilita permezz tal-Att;

"Bord" tfisser il-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni stabbilit skont l-Att;

"demolizzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"detentur tal-liċenzja" tfisser l-istess bħat-tifsira ta' "kuntrattur liċenzjat";

"entità" tfisser kumpanija reġistrata rikonoxxuta mill-

Liġijiet ta' Malta jew ta' Stat Mebru ieħor jew Pajjiż Terz u tinkludi kwalunkwe korp jew assoċjazzjoni ta' persuni b'personalità ġuridika separata u distinta;

"kostruzzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat tal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Konstruzzjoni stabbilit f'Taqsima II;

"kuntrattur" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha tirreferi għal persuna fiżika jew entità li tintrabat jew tkun ikkuntrattata sabiex twettaq xi waħda mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I;

"kuntrattur liċenzjat" tfisser il-persuna jew entità li għandha liċenzja valida maħruġa taħt dawn ir-regolamenti; u t-tifsira "kuntrattur liċenzjat" għall-fini ta' dawn ir-regolamenti għandu jinkludi wkoll sotto-kuntratturi;

"liċenzja" tfisser liċenzja li permezz tagħha persuna tista' twettaq il-ħidma tagħha f'Malta ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz kif elenkati fl-Iskeda I u li magħhom hija marbuta l-liċenzja;

Kap 10.

"Liċenzja ta' Bennej" tfisser liċenzja maħruġa għal xogħol ta' bini kif stabbilit fil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jew liġijiet oħra;

"limiti tal-kriterji" tfisser rekwiżiti tekniċi u specifiċi li l-applikanti għandhom jissodisfaw u, jew ikollhom sabiex jiksbu liċenzja kif imfissra f'Taqsima III;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli mill-industrija tal-kostruzzjoni;

"Pajjiz Terz" tfisser pajjiz mhux Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

Kap. 622.

"perit" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar il-Periti;

"persuna kompetenti" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"proġett" tfisser proġett ta' żvilupp li persuna tkun ġiet imqabbda sabiex twettaq;

"Reġistru" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att u jkun fil-forma ta' depożitorju ta' informazzjoni li jinkludi d-dettalji tal-liċenzja u tad-detentur tal-liċenzja kif stipulati f'dawn r-regolamenti;

"skavar" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"Stat Membru" tfisser stat li huwa membru tal-Unjoni Ewropea;

"tagħmir iċċertifikat" tfisser makkinarju u tgħamir goff jew mobbli, iċċertifikat minn inġinier b'warrant, li jista' jiġi operat skont l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tal-Bini u l-Kostruzzjoni stabbilit taħt it-Taqsima VIII tal-Att;

"Uffiċjal Kap Eżekuttiv" tfisser l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Awtorità kif stabbilit fl-Att;

"Unjoni Ewropea" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"xogħlijiet minuri" tfisser xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jistgħu jkunu attività ta' skavar, demolizzjoni jew bini li finnatura tagħhom ma jikkostitwixxux xogħlijiet maġġuri ta' tħaffir, demolizzjoni jew bini, iżda huma kkunsidrati bħala xogħol inċidentali fir-rigward ta' kwalunkwe attività ta' servizz elenkata fl-Iskeda I. Xogħlijiet minuri jinkludu alterazzjonijiet minuri ta' bini, bħal ftuħ jew ssiġġillar ta' aperturi u tneħħija jew bini ta' ħitan, u ma jinvolvux demolizzjoni jew kostruzzjoni ta' strutturi jew bini, inkluż it-tneħħija jew il-kostruzzjoni ta' soqfa. Xogħlijiet minuri għandhom jinkludu wkoll skavi fir-rigward tat-tqegħid ta' pedamenti u ta' pajpijiet, jew il-bokok ta' lift, jew xogħlijiet ta' tirqim li jistgħu jitwettqu biss b'tagħmir li jinżamm fl-idejn, u ma jinkludux xogħlijiet ta' skavar fir-rigward tal-kostruzzjoni ta' ġibjuni, pools, jew basements, jew xogħlijiet relatati mal-ikklerjar jew it-tirqim tal-art. Dan għandu jinkludi wkoll kwalunkwe xogħol ieħor li l-Bord jista' jiddetermina minn żmien għal żmien permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

## TAQSIMA I
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Applikabilità u dispożizzjonijiet tranżitorji.

**3.** (1) L-ebda persuna jew entità ma tista' tassumi l-eżercizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda I, sakemm dik il-persuna jew entità, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025, tkun kisbet liċenzja valida għall-eżerċizzju ta' dik l-attività ta' servizz.

(2) Kwalunkwe persuna fiżika, li hekk mad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, tkun diġà assumiet jew biħsiebha tassumi l-eżerċizzju ta' kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I li japplikaw għaliha id-dispożizzjonijiet tal-Att, għandha tissottometti applikazzjoni għal-liċenzja fir-rigward ta' dik l-attività ta' servizz, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2023.

(3) Kwalunkwe entità li mad-dħul ta' dawn ir-regolamenti, tkun diġà assumiet jew biħsiebha tassumi l-eżerċizzju ta' xi waħda mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I, u li għaliha japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att, għandha tissottometti applikazzjoni għal-liċenzja ta' dik l-attività ta' servizz, sa mhux aktar mill-31 ta' Ottubru 2023.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kwalunkwe persuna jew entità li tkun issottomettiet applikazzjoni skont kif stabbilit fis-subregolamenti (2) jew (3), ma għandhiex sakemm tiġi deċiża dik l-applikazzjoni, ma titħallix tkompli fl-eżerċizzju ta' kwalunkwe mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I, u li għaliha tirrelata l-applikazzjoni għal-liċenzja, jekk l-applikazzjoni titqies li tkun ġiet sottomessa b'mod sħiħ u validu fuq il-formola preskritta u fiż-żmien stipulat applikabbli, u sakemm l-Awtorità ma tidderiġix mod ieħor meta fl-opinjoni tagħha ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan:

Iżda matul il-perjodu sakemm applikazzjoni qed tiġi deċiża, l-applikant għandu jkun responsabbli sabiex iwettaq l-obligazzjonijiet imsemmija fir-regolament 5:

Iżda ukoll meta l-applikant jikser kwalunkwe dispożizzjoni tal-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu matul il-perjodu sakemm tiġi deċiża l-applikazzjoni, minbarra li jkun soġġett għal proċeduri ta' infurzar skont l-Att, l-Awtorità tista' tikkunsidra l-kontravenzjoni tal-applikant bħala raġuni għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu u konsegwentement iżżomm lill-applikant milli jeżerċita l-attività ta' servizz li għaliha tirreferi l-applikazzjoni.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti preċedenti, kwalunkwe persuna jew entità li applikat għal-liċenzja mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Mejju 2024 tista' tkompli fit-twettiq tal-attività ta' servizz li għaliha tkun applikat għal-liċenzja matul il-perjodu sakemm tiġi deċiża l-applikazzjoni jekk:

(a) l-applikazzjoni hi kkunsidrata li ġiet sottomessa b'mod komplut u validu fil-perjodu stipulat f'dan is-subregolament; u

(b) il-Kumitat, fi żmien sittin (60) ġurnata mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni valida, jagħti approvazzjoni proviżorja li tawtorizza l-operat ta' dik l-attività ta' servizz:

Iżda fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu sakemm qed tiġi deċiża l-applikazzjoni għal-liċenzja, l-Awtorità tista' tirrevoka l-approvazzjoni proviżorja tal-applikant u żżommu milli jeżerċita l-attività ta' servizz li għaliha tirreferi l-applikazzjoni kull fejn l-Awtorità tqis li ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu:

Iżda wkoll meta l-applikant jikser xi dispożizzjoni tal-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu matul il-perjodu sakemm tiġi deċiża

l-applikazzjoni, minbarra li jkun soġġett għal proċeduri ta' infurzar skont l-Att, l-Awtorità tista' tikkunsidra l-kontravvenzjoni tal-applikant bħala raġuni għall-irtirar tal-approvazzjoni proviżorja u, jew l-applikazzjoni, u konsegwentement iżżomm lill-applikant fit-twettiq tal-attività ta' servizz li għaliha tkun tirreferi l-liċenzja.

(6) Kwalunkwe persuna jew entità li ma tapplikax għal-liċenzja skont is-subregolamenti (2), (3) jew (5), kif applikabbli, ma tistax twettaq jew tkompli twettaq kwalunkwe servizz elenkat fl-Iskeda I qabel mal-ewwel ikollha liċenzja valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti.

Liċenzja ta' kuntrattur.

**4.** (1) Kwalunkwe attività ta' servizz elenkat fi Skeda I għandhom jitwettqu minn detenturi tal-liċenzja skont dawn ir-regolamenti:

Iżda xogħolijiet minuri jistgħu jitwettqu mid-detentur ta' liċenzja tal-kostruzzjoni:

Iżda ukoll id-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, jew xi wieħed mid-Dipartimenti tal-Gvern għandhom ikunu eżentati mir-rekwiżiti stipulati f'dawn ir-regolamenti soġġett għar-rikjesta għall-eżenzjoni li għandha tiġi sottomessa u approvata mill-Bord skont l-artikolu 21 tal-Att.

(2) Il-miżati applikabbli għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal-liċenzja, il-ħruġ tal-liċenzja u t-tiġdid tagħha għandhom ikunu preskritti fl-Iskeda III.

Responsabbiltà.
*Emendat:*
*A.L. 36 tal-2024.*

**5.** (1) Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' kuntrattur liċenzjat li:

(a) josserva l-kundizzjonijiet tal-liċenzja u kull ordni, direzzjoni u rekwiżiti li l-Awtorità tistà timponi fir-rigward tat-tħaddim tal-liċenzja;

(b) jiżgura li t-twettiq ta' kull xogħol jikkonforma mal-prattiċi, il-linji gwida u r-regolamenti li jappartjenu għall-attivitajiet ta' servizz liċenzjati li l-Awtorità tista' toħroġ;

(ċ) josserva kull direzzjoni maħruġa mill-perit jew minn kull persuna oħra responsabbli bil-liġi, kif ukoll kwalunkwe kundizzjoni, dikjarazzjonijiet tal-metodu u rekwiżiti marbuta mal-bini u l-kostruzzjoni li jkunu imposti minn kwalunkwe entità regolatorja.

(2) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, persuna jew entità li teżerċita xi waħda mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I, tirreferi għal kull persuna jew entità li fil-fatt tesegwixxi xogħlijiet marbuta ma' xi waħda mill-attivitajiet ta' servizz taħt ir-responsabbiltà

tagħha, jew persuna jew entità li b'xi mod timpjega, tingaġġa jew tafda ħaddiema sabiex iwettqu xogħlijiet marbuta ma' attivitajiet ta' servizz taħt ir-responsabbiltà ta' dik il-persuna jew dik l-entità.

(3) Id-detentur tal-liċenzja għandu jiżgura li kwalunkwe xogħol li jsir fit-twettiq ta' xi attività elenkata fl-Iskeda I għandu jkun kopert b'polza tal-assigurazzjoni valida li tipprovdi kontra kwalunkwe telf, ħsara, korriment jew mewt li jistgħu jiġu sofferti minn xi terza persuna b'konsegwenza ta' xi att jew ommissjoni tal-kuntrattur liċenzjat, tal-impjegati tiegħu u ta' persuni oħra li joperaw taħt id-direzzjoni tal-kuntrattur għat-twettiq tax-xogħlijiet.

(4) Id-detentur ta' liċenzja għandu jiżgura li jkun kopert b'polza tal-assigurazzjoni valida li tagħmel tajjeb għal danni fuq il-post tax-xogħol, inkluż ħsara fuq il-persuna li jista' jsofri xi impjegat:

(a) jekk id-detentur tal-liċenzja ma jkunx kopert minn polza tal-assigurazzjoni li tkopri kontra danni fuq il-post tax-xogħol, inkluż ħsara fuq il-persuna li jista' jsofri xi impjegat kif meħtieġ b'dan is-subregolament, l-imsemmi detentur tal-liċenzja għandu jkun personalment responsabbli sabiex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara li kienet tkun koperta mill-polza tal-assigurazzjoni meħtieġa b'dan is-subregolament li kieku l-imsemmija polza kienet fis-seħħ kif meħtieġ; u

(b) fejn id-detentur tal-liċenzja li ma jkunx kopert minn polza tal-assigurazzjoni kontra danni fuq il-post tax-xogħol, inkluż ħsara fuq il-persuna li jista' jsofri xi impjegat kif meħtieġ b'dan is-subregolament, ikun korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, kull persuna li tkun direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor tal-imsemmi korp jew assoċjazzjoni għandu jkun personalment responsabbli *in solidum* mal-istess korp jew assoċjazzjoni sabiex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara li kienet tkun koperta mill-polza tal-assigurazzjoni meħtieġa b'dan is-subregolament li kieku tali polza kienet fis-seħħ kif meħtieġ.

## TAQSIMA II
## KUMITAT GĦAL-LIĊENZJAR TAL-INDUSTRIJA TAL-KOSTRUZZJONI

Twaqqif tal-Kumitat.

**6.** (1) Għandu jitwaqqaf Kumitat għal-Liċenzjar tal-Industrija tal-Kostruzzjoni, li għandu jinħatar mill-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Bord.

(2) Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn ħames (5) membri li għandhom ikunu mħarrġa u b'esperjenza sostanzjali fuq materji marbuta mal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni, materji legali jew

suġġetti oħra relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni, b'wieħed (1) mill-membri għandu jkun iċ-Chairperson:

Iżda tnejn (2) minn dawn il-membri għandhom ikunu perit u inġinier li għandhom warrant rispettivament u t-tnejn iridu jkunu pprattikaw il-professjoni rispettiva tagħhom għal tal-anqas għaxar (10) snin:

Iżda wkoll il-Ministru jista' jinnomina wieħed (1) mill-membri l-oħra bħala l-Viċi Chairperson, u l-membru hekk maħtur għandu jkollu s-setgħat kollha u jwettaq il-funzjonijiet kollha taċ-Chairperson matul l-assenza temporanja jew l-inkapaċità taċ-Chairperson li jaġixxi bħala Chairperson.

Segretarju tal-Bord.

**7.** Il-Kumitat għandu jkollu Segretarju appuntat mill-Ministru, li għandu jkollu dawk id-dmirijiet li jistgħu jiġu assenjati mill-Kumitat.

Kumitat.

**8.** L-Awtorità għandha tipprovdi l-appoġġ amministrattiv meħtieġ lill-Kumitat għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

Terminu tal-kariga.

**9.** (1) Il-membri tal-Kumitat u s-segretarju, għandhom jibqgħu fil-kariga għal perjodu ta' tliet (3) snin fuq dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-Ministru jista' jistabbilixxi.

(2) Il-membri tal-Kumitat u s-segretarju għandhom ikunu eliġibbli għall-ħatra mill-ġdid għal perjodi sussegwenti meta jiskadi l-mandat tagħhom.

Funzjonijiet tal-Kumitat.

**10.** (1) Il-Kumitat għandu jkollu il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li joħroġ liċenzji għal kull attività ta' servizz elenkati fl-Iskeda I:

Iżda l-Bord jista' wkoll jistabbilixxi sottokumitati jew jaħtar dawk il-persuni li għandhom kwalifiki professjonali u, jew għarfien u esperjenza f'materji marbuta mal-bini u l-kostruzzjoni sabiex jassistu fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal-liċenzja;

(b) li jimplimenta kwalunkwe direttiva maħruġa mill-Bord fir-rigward tar-rekwiżiti ta' liċenzjar għall-ħiliet partikolari jew attivitajiet marbuta mal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni;

(ċ) li jżomm ir-reġistri meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu;

(d) li jipprepara rapporti li għandhom ikunu diskussi mal-Bord:

(i) dwar kwalunkwe materja relevanti għal dawn ir-regolamenti, inkluża kwalunkwe applikazzjoni;

(ii) dwar kwalunkwe materja marbuta mal-proċess ta’ liċenzjar; u

(iii) dwar kull materja oħra marbuta mal-liċenzjar tal-kuntratturi li l-Bord jista’ jkun meħtieġ li jindirizza permezz ta’ direttivi, regolamenti, politiki jew emendi oħra; u

(e) li jaqdi dawk il-funzjonijiet l-oħra li, minn żmien għal żmien, jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Ministru b'konsultazzjoni mal-Awtorità.

Proċeduri u laqgħat tal-Kumitat.

**11.** (1) Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu miċ-Chairperson fuq inizjattiva tiegħu jew wara li jaċċetta r-rikjesta ta' kwalunkwe membru tal-Kumitat, u l-Kumitat għandu jiltaqa' wkoll f'dawk iż-żminijiet li huwa stess jista' jiddeċiedi:

Iżda l-Kumitat għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull xahar tal-kalendarju jew fi żminijiet addizzjonali, kif ikun meħtieġ.

(2) Il-*quorum* tal-Kumitat għandu jinkludi liċ-Chairperson jew lill-Viċi Chairperson u ma għandux ikun inqas minn nofs in-numru tal-membri l-oħra li jikkostitwixxu l-Kumitat, fil-ħin tal-laqgħa.

(3) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti fil-laqgħa;

Iżda ċ-Chairperson f’laqgħa għandu jkollu vot oriġinali, u f'każ li l-voti jkunu ndaqs, vot deċiżiv.

(4) Il-Kumitat jista' jaġixxi minkejja kwalunkwe post vakanti fost il-membri tiegħu, diment li jinkiseb *quorum* fost il-membri preżenti għal laqgħa.

(5) Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Kunflitt ta’ interess.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 16 tal-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-membri tal-Kumitat.

Ħlas tal-membri tal-Kumitat.

**12.** Il-membri tal-Kumitat għandhom jiġu mħallsa skont il-kriterji li jistgħu japplikaw minn żmien għal żmien fis-settur pubbliku.

## TAQSIMA III
## LIĊENZJA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal-liċenzja.

**13.** (1) L-Awtorità għandha tippubblika fil-Gazzetta u fuq is-sit elettroniku tal-istess Awtorità il-perjodu ta’ żmien li matulu tkun se tibda tirċievi u taċċetta applikazzjonijiet għal-liċenzja għal kwalunkwe attività ta’ servizzi kif elenkati fl-Iskeda I.

(2) L-avviż għandu:

(a) jispeċifika l-forma, l-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal-liċenzja skont dawn ir-regolamenti, inkluż iżda mhux limitat għall-kriterji kif stabbiliti fl-Iskeda II: u

(b) id-drittijiet amministrattivi applikabbli skont l-Iskeda III.

**14.** (1) L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati li ġejjin: Min jikkwalifika.

(a) hija persuna fiżika li għandha eta' 'l fuq minn wieħed u għoxrin (21) sena u li hi abitwalment residenti f'Malta, jew f'xi Stat Membru; jew

(b) hija entità.

(2) Il-Kumitat għandu jkun sodisfatt li l-applikant:

(a) jissodisfa r-rekwiżiti għal-liċenzja kif speċifikati fir-regolament 15;

(b) ikollu fil-pussess tiegħu l-limiti tal-kriterji meħtieġa kif stabbiliti fl-Iskeda II;

(ċ) jipprovdi evidenza suffiċjenti li għandu għarfien sod tas-suġġetti elenkati fl-ewwel partita tat-Taqsimiet A, B u Ċ tal-Iskeda II; u

(d) ikun persuna fiżika ta' reputazzjoni u kondotta tajba u f'qagħda finanzjarja xierqa jew tkun entità fejn kull wieħed mid-diretturi għandhom reputazzjoni u kondotta tajba u l-entità tinsab f'qagħda finanzjarja xierqa.

(3) Persuna jew entità ma għandhomx jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk l-applikant:

(a) ikun instab ħati ta' reat kriminali serju fl-aħħar ħames (5) snin, li jkunu reati ta' miżappropjazzjoni jew frodi;

(b) ikun instab ħati minn Qorti kompetenti li fl-aħħar sentejn (2) wettaq reat skont d-diżpozizzjonijiet tal-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu;

(ċ) ikun instab ħati ta' xi reat korrispondenti taħt xi liġi ta' pajjiż jew f'territorju barra minn Malta:

Iżda jekk l-applikant kellu inqas minn tmintax-il (18) sena meta nstab ħati, iż-żmien imsemmi fil-paragrafi (a) u (b) għandu jkun ta' sentejn (2) u sena (1) rispettivament.

(4) Persuna jew entità jista' jkollha liċenzja sabiex twettaq

aktar minn attivita' ta' servizz wieħed (1) minn dawk elenkati fl-Iskeda I, f'liema kaz iridu jissottomettu applikazzjoni separata bid-dokumenti li jsostnuha u kif speċifikat taħt dawn ir-regolamenti, għal kull attività ta' servizz rispettiva, flimkien ma' dik l-informazzjoni u d-dokumenti l-oħra li l-Kumitat jista' jitlob li jiġu sottomessi sabiex jiddeciedi dwar l-applikazzjoni.

Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja.
*Emendat: A.L. 36 tal-2024.*

**15.** (1) Applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fil-forma preskritta mill-Awtorita' skont dawn ir-regolamenti u għandha tissodisfa ir-rekwiżiti speċifikati fir-regolament 14(1) flimkien mar-rekwiżiti addizjonali li ġejjin:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant;

(b) informazzjoni oħra meħtiega li tista' tirrikjedi l-Awtorità skont dawn ir-regolamenti;

(ċ) il-ħlas tal-miżata relevanti għall-applikazzjoni kif provdut fl-Iskeda III.

(2) Fejn l-applikant huwa persuna fiżika, b'żieda mar-rekwiżiti stipulati fis-subregolament (1), flimkien mal-applikazzjoni għandu jipprovdi wkoll dawn id-dokumenti li ġejjin:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT tal-applikant, jekk applikabbli;

Kap. 77.

(b) ċertifikat ta' kondotta maħruġ skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta li ma jkunx inħareġ aktar minn xahrejn (2) mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:

Iżda f'każ li l-applikant mhux persuna abitwalment residenti f'Malta, minflok għandu jiġi provdut dokument ekwivalenti maħrug minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-pajjiz fejn l-applikant huwa abitwalment residenti; u

(ċ) dikjarazzjoni li tikkonferma li l-applikant mhux fallut.

(3) Entità li tissottometti applikazzjoni għal-liċenzja, tista' taħtar u tawtorizza persuna kompetenti sabiex taġixxi f'isimha fl-osservanza tal-kriterji u obbligazzjonijiet rikjesti minn dawn ir-regolamenti u sabiex taġixxi bħala amministratur liċenzjat tal-imsemmija entità, u b'żieda mar-rekwiżiti elenkati fis-subregolament (1), għandha tissottometti:

(a) l-istat legali tal-entità u l-indirizz uffiċjali reġistrat tal-entità;

(b) in-numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT, jekk

applikabbli;

(ċ) l-isem u d-dettalji tal-amministratur liċenzjat u prova tar-relazzjoni tiegħu mal-entità in kwistjoni;

(d) riżoluzzjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-entità li tawtorizza u taħtar persuna sabiex taġixxi ta' amministratur liċenzjat skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti;

(e) ċertifikat ta' kondotta tad-diretturi u tal-amministratur tal-liċenzja tal-entità, maħruġa skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u li ma jkunx nħareġ aktar minn xahrejn (2) mid-data ta' meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni: Kap. 77.

Iżda f'każ li d-diretturi jew l-amministratur liċenzjat, mhumiex abitwalment residenti f'Malta, minflok għandu jiġi provdut dokument ekwivalenti maħrug minn awtorità ġudizjarja jew amministrattiva kompetenti tal-pajjiz fejn id-diretturi jew l-amministratur liċenzjat huma abitwalment residenti.

(f) dikjarazzjoni li tikkonferma li l-entità mhix falluta.

(4) B'żieda mad-dikjarazzjoni kif rikjest fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) u fil-paragrafu (f) tas-subregolament (3), il-Kumitat jista' jitlob li tingħata dokumentazzjoni ulterjuri dwar il-qagħda finanzjarja xierqa:

Iżda għall-assessjar tal-qagħda finanzjarja xierqa, il-Kumitat għandu jikkunsidra it-tip ta' attività ta' servizz u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant, bħal iżda mhux limitat għal, u skont id-diskrezzjoni tal-Kumitat:

(a) kontijiet annwali aġġornati, jekk ikun hemm;

(b) fondi disponibbli, inkluż overdraft u faċilitajiet ta' self;

(ċ) kwalunkwe assi, inkluż propjetà, li huma disponibbli sabiex tipprovdi assigurazzjoni parzjali jew sħiħa għall-attività ta' servizz.

(5) L-applikant għandu jkollu jew jimpjega persuna li tkun fluwenti fil-lingwa Maltija jew Ingliża u fin-nuqqas ta' dan, l-applikant għandu jipprovdi s-servizz ta' interpretu sabiex jiffaċilita komunikazzjoni xierqa.

(6) Applikazzjoni għandha tiġi meqjusa bħala kompluta u valida għall-ipproċessar ulterjuri, jekk ikollha d-dettalji kollha speċifikati fil-paragrafi tas-subregolamenti (1), (2) jew (3), skont il-

każ, u l-applikant ikun konformi mal-kriterji tar-regolament 14(1):

Iżda kull persuna jew entità li tissottometti applikazzjoni għal-liċenzja fir-rigward ta' attività ta' servizz speċifikat fit-Taqsima Ċ tal-Iskeda II, għandha tkun mitluba tissottometti wkoll liċenzja valida ta' bennej.

Deċizjonijiet tal-Kumitat dwar liċenzjar.

**16.** (1) Il-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni sottomessa, skont dawn ir-regolamenti fi żmien sittin (60) ġurnata mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni valida:

Iżda f'każ li applikazzjonijiet sottomessi skont ir-regolamenti 3(2) u 3(3), il-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni sal-31 ta' Mejju 2024:

Iżda wkoll f'każ ta' applikazzjonijiet sottomessi skont ir-regolament 3(5), il-Kumitat għandu jieħu deċiżjoni fi żmien sittin (60) ġurnata mid-data meta nħarġet l-approvazzjoni proviżorja:

Iżda wkoll jekk il-Kumitat ikun jeħtieġ aktar żmien, għandu jinforma lill-applikant bil-miktub li d-deċiżjoni se tingħata fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data oriġinali li fiha kellha tingħata d-deċiżjoni.

(2) Fi kwalunkwe stadju qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar applikazzjoni, l-Kumitat jista':

(a) jitlob kwalunkwe informazzjoni addizjonali, dokumenti jew rekwiżiti oħra mingħand l-applikat li jikkunsidra relevanti għall-applikazzjoni;

(b) jirrivedi u, jew jispezzjona s-sit ta' proġetti mwettqa jew li jkunu qegħdin jitwettqu mill-applikant;

(ċ) f'każ li l-applikant għandu jew kellu liċenzja jew reġistrazzjoni maħruġa minn Awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż Terz, il-Kumitat jista' jitlob informazzjoni fuq l-applikant minn din l-Awtorità kompetenti;

(d) jitlob kull informazzjoni dwar l-applikant mingħand xi awtorità kompetenti oħra skont il-ħtieġa.

(3) Il-Kumitat jista' japprova jew jiċħad applikazzjoni, u jista' wkoll jimponi kwalunkwe kundizzjonijiet li jqis li huma xierqa sabiex jiġu inklużi fil-liċenzja.

(4) Notifika tad-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Kumitat għandu jinnotifika lill-applikant dwar tali pubblikazzjoni permezz ta' ittra elettronika.

Avviż għall-għoti ta' liċenzja.

**17.** (1) Il-Kumitat għandu jinforma lill-applikant permezz ta' ittra reġistrata bid-deċiżjoni dwar għoti ta' liċenzja fi żmien ħamest

ijiem (5) ta’ xogħol minn meta ttieħdet d-deċiżjoni.

(2) L-avviż dwar l-għoti tal-liċenzja għandu:

(a) jispeċifika l-attività ta’ servizz li qed tiġi liċenzjata, inkluż kull firxa ta’ funzjonijiet, doveri u responsabbiltajiet fl-ambitu ta’ dik l-attività ta’ servizz;

(b) jispeċifika t-termini, il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li l-liċenzja tkun soġġetta għalihom, skont kif deċiż mill-Kumitat fit-termini ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) jispeċifika l-miżata li għandha titħallas għall-ħruġ tal-liċenzja skont l-Iskeda III;

(d) jispeċifika kull ħlas pendenti li jrid jitħallas lill-Awtorita’;

(e) jinkludi l-perjodu ta' validità tal-liċenzja li jibda jiddekorri mid-data tal-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Liċenzja kif stipulat fir-regolament 20; u

(f) jinforma lill-applikant li l-avviż jista’ jiġi appellat quddiem it-Tribunal fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u li ċ-Ċertifikat tal-Liċenzja għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż l-appell.

Iċ-Ċertifikat tal-Liċenzja.

**18.** (1) Mal-ħlas tal-miżata tal-liċenzja relativa u ħlasijiet oħra pendenti, jekk ikun il-każ, għandu jinħareġ iċ-Ċertifikat tal-Liċenzja lid-detentur tal-liċenzja u għandu jinkludi d-dettalji tal-liċenzja u xi kundizzjonijiet oħra imposti mill-Awtorità, fejn applikabbli.

(2) Iċ-Ċertifikat tal-Liċenzja għandu jkun f’kull ħin fil-pussess tal-kuntrattur liċenzjat.

(3) F'każ illi ċertifikat validu ta' liċenzja jintilef jew issirlu ħsara, għandha ssir applikazzjoni għall-ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat oriġinali, li tista’ tiġi sottomessa lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fil-format preskritt mill-Awtorità, mal-ħlas tal-miżata amministrattiva skont kif stipulat fl-Iskeda III.

Ir-Reġistru.

(4) Id-dettalji tal-liċenzja għandhom jinżammu fir-Reġistru miżmum mill-Awtorità u għandhom jinkludu s-segwenti:

(a) id-dettalji dwar id-detentur tal-liċenzja;

(b) id-data meta nħarġet il-liċenzja;

(ċ) l-attività ta’ servizz liċenzjata; u

(d) kwalunkwe kundizzjoni li l-Kumitat jimponi mal-liċenzja.

Deċiżjoni li tiġi rifjutata applikazzjoni ta' liċenzja.

**19.** (1) Meta l-Kumitat ikun tal-fehma li applikazzjoni għandha tiġi rifjutata, għandu jinforma lill-applikant bil-miktub u jispeċifika r-raġunijiet tiegħu għal tali rifjut.

(2) L-avviż dwar ir-rifjut għandu jispeċifika li l-applikant għandu d-dritt, fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tal-avviż, li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub quddiem il-Kumitat u jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni ma għandhiex tiġi rifjutata, u l-Kumitat għandu jikkunsidra kull sottomissjoni hekk magħmula qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali.

(3) F'każ illi l-Kumitat, minkejja s-sottomissjonijiet tal-applikant, jiddeċiedi li jirrifjuta l-applikazzjoni, għandu jinforma lill-applikant bid-deċiżjoni permezz ta' ittra reġistrata, fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni tiegħu.

(4) L-avviż tad-deċiżjoni għandu:

(a) jinkludi r-raġunijiet li wasslu sabiex il-Kumitat jiddeċiedi li ma jilqax l-applikazzjoni;

(b) jinforma lill-applikant li l-avviż jista' jiġi appellat quddiem it-Tribunal fi zmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fuq is-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

Tiġdid ta' liċenzji u għoti ta' taħriġ u korsijiet.

**20.** (1) Liċenzji maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data tal-ħruġ taċ-ċerifikat tal-liċenzja, u għandhom ikunu soġġetti għal tiġdid kull sentejn (2) wara dik id-data:

Iżda għall-finijiet tat-tiġdid ta' liċenzja, l-kuntrattur liċenzjat għandu jissottometti lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv applikazzjoni valida u kompluta fil-forma preskritta mill-Awtorità, sa mhux aktar tard minn disgħin (90) jum qabel id-data tal-iskadenza tal-liċenzja valida.

(2) Il-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 16 sa 19 għandhom japplikaw fid-deċiżjoni tal-applikazzjoni għat-tiġdid tal-liċenzja mill-Kumitat u l-ħruġ ta' liċenzja.

(3) Meta l-Kumitat jiddeċiedi li l-applikant ma għandux kompetenza professjonali suffiċjenti, huwa jista' jitlob li l-applikant jattendi korsijiet jew taħriġ sabiex ikopri s-suġġetti elenkati fil-partita 1 tat-Taqsimiet A, B u Ċ tal-Iskeda II, li għandhom ikunu provduti kull sena għall-iskop ta' tiġdid ta' liċenzja.

(4) Il-Kumitat għandu wkoll jitlob għall-korsijiet li għandhom ukoll ikunu provduti meta l-Awtorità tikkunsidra li prattiċi

ġodda u regolamenti marbuta mal-attivitajiet ta' servizz kif elenkati fl-Iskeda I, u suġġetti minbarra dawk elenkati fil-partita 1 tat-Taqsimiet A, B u Ċ tal-Iskeda II, ikunu ġew introdotti, u dan sabiex ikun assigurat li l-applikanti jistgħu iwettqu x-xogħolijiet skont il-liċenzja:

Iżda l-Awtorità għandha wkoll titlob lid-detenturi tal-liċenzja jattendu għal dawn l-korsijiet u l-attendenza u t-tlestija ta' dawn l-korsijiet għandhom ikunu ikkunsidrati għal kwalunkwe applikazzjoni ta' tiġdid sussegwenti.

Bidliet fir-Reġistru.

**21.** (1) Il-kuntrattur liċenzjat għandu jinforma lill-Awtorità mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla fid-dettalji tal-liċenzja jew b' bidla fil-persuni nominati li jissodisfaw il-limiti tal-kriterji kif stabbiliti fl-Iskeda II u bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni sottomessa bħala parti mir-rekwiżiti tal-applikazzjoni skont ir-regolament 15.

(2) Meta amministatur liċenzjat ma jibqax jokkupa l-kariga tiegħu jew ma jkunx għadu fl-impjieg tal-kuntrattur liċenzjat, l-amministratur liċenzjat, jew id-detentur tal-liċenzja għandu, sa mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem tax-xogħol minn tali okkorrenza, jinforma lill-Awtorità bil-miktub u matul dan il-perjodu jissospendi l-attività ta' servizz liċenzjat.

(3) Amministratur ġdid għandu jiġi maħtur mid-detentur tal-liċenzja u d-dettalji tiegħu għandhom jiġu notifikati lill-Kumitat fi żmien tlett (3) ijiem ta' xogħol minn tali ħatra.

(4) Il-ħatra ta' amministratur ġdid għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kumitat li ma għandhiex tingħata sakemm il-persuna hekk maħtura ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, u sakemm tingħata din l-approvazzjoni, l-eżeriċizzju tal-attività liċenzjata għandu jibqa' sospiż.

Applikazzjoni għall-kanċellazzjoni ta' liċenzja.

**22.** (1) Jekk detentur tal-liċenzja japplika mal-Awtorità għall-kanċellazzjoni ta' liċenzja, l-applikazzjoni għandha tkun fil-format kif preskritt mill-Awtorità u għandha tkun akkumpanjata minn ħlas ta' dritt kif elenkat fl-Iskeda III, u għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mill-applikant li fiha jiddikjara li mhuwiex konxju ta' xi proċeduri jew kwalunkwe raġuni oħra li tista' twassal sabiex jinbdew kwalunkwe proċeduri li jistgħu jwasslu għat-tneħħija tal-isem tal-applikant mir-Reġistru mizmum mill-Awtorità.

(2) Il-Kumitat għandu fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċievi l-applikazzjoni, jikkanċella l-liċenzja u jneħħiha mir-Reġistru:

Iżda kwalunkwe kanċellazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà jew l-obbligazzjoni tal-applikant fir-rigward ta' kwalunkwe xogħol jew servizzi mwettqa mill-applikant qabel tali kanċellazzjoni, jew kwalunkwe ħsara jew impatt li jirriżulta minn tali xoghol jew servizzi.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kumitat għandha tkun komunikata lill-applikant fi żmien tletin (30) jum mit-teħid ta' tali deċiżjoni.

(4) Il-Kumitat għandu javża lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu permezz ta' ittra reġistrata.

## TAQSIMA IV
## REATI U PENALI

Reati.

**23.** (1) Kull min jassumi l-eżerċizzju ta' kwalunkwe mill-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I bil-liċenzja sospiża jew mingħajr liċenzja valida maħruġa skont dawn ir-regolamenti, ikun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u jista' jeħel meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf ewro (€50,000) jew dik il-priġunerija u multa flimkien, u f'każ ta' reat kontinwat, ikun hemm multa ulterjuri ta' ħamest elef ewro (€ 5,000) għal kull jum tar-reat kontinwat.

(2) Kull min jonqos milli jsegwi kwalunkwe kundizzjonijiet ta' approvazzjoni jew tal-liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti jew jikser kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ikun ħati ta' reat bi ksur ta' dawn ir-regolamenti u meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef ewro (€10,000) u f'kaz ta' reat kontinwat, jeħel multa ulterjuri ta' ħames mitt ewro (€500) għal kull jum tar-reat kontinwat.

(3) Kull min jagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun ħati ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn elf u ħames mitt ewro (€1,500), u dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe piena ogħla li l-persuna jista' jkun soġġett għaliha taħt liġijiet oħra.

(4) Il-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni jew ir-revoka għal perijodu ddikjarat tal-liċenzja meta tikkundanna lid-detentur ta' liċenzja b'reat kontra l-Att u dawn ir-regolamenti, flimkien ma' kwalunkwe pieni speċifikati f'dawn ir-regolamenti.

Penali amministrattivi.

**24.** (1) Minkejja kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra ta' dawn r-regolamenti, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura li persuna jew entità li qed taġixxi bi ksur ta' dawn ir-regolamenti tista' tkun soġġett għaliha taħt kwalunkwe liġi oħra, l-Awtorità tista', wara li toħroġ avviż ta' infurzar skont l-artikoli 23, 24, 25 u 26 tal-Att, timponi piena amministrattiva skont dawn ir-regolamenti.

(2) Il-penali amministrattiva imposta skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex teċċedi l-ammont massimu tal-multa li l-ħati jista' jkun responsabbli għaliha għal reat korrispondenti skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 23.

(3) Kwalunkwe persuna jew entità li tħossha aggravata bl-impożizzjoni ta' penali amministrattiva għandhom dritt għal appell skont

l-Att.

(4) Fil-każijiet kollha fejn l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jimponi penali amministrattiva fir-rigward ta' kwalunkwe ħaġa li saret jew li naqset milli ssir minn kwalunkwe persuna, u fejn tali att jew ommissjoni jikkonstitwixxi ukoll reat kriminali, l-ebda proċeduri ma jistħgu jiġu istitwiti fil-konfront tal-persuna fir-rigward ta' tali reat meta tali persuna taċċetta r-responsabilità tal-ksur li fir-rigward tiegħu tiġi imposta l-piena amministrattiva u jimplimenta kwalunkwe miżuri ta' rimedju kif tista' tiġi ordnata mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u tħallas ukoll l-penali amministrattiva.

Sospensjoni u revoka tal-liċenzja.

**25.** (1) Minkejja kwalunkwe penali u, jew pieni oħra li applikant, kuntrattur liċenzjat jew amministratur liċenzjat jista' jkun soggett għaliha skont dawn ir-regolamenti, skont l-Att jew kwalunkwe liġi oħra, il-Bord jista' skont l-artikolu 20 tal-Att, jirrevoka jew jissospendi b'mod temporanju liċenzja jew approvazzjoni maħruġa lil kwalunkwe kuntrattur skont dawn ir-regolamenti, talli jkun naqqas milli jikkonforma ma' kwalunkwe mill-kundizzjonijiet tal-liċenzja jew ma' rekwiżiti oħra kif stipulati fl-Att jew regolamenti magħmula taħtu.

(2) Liċenzja sospiża skont dawn ir-regolamenti tista' terġa tiġi maħruġa mill-ġdid mill-Bord jekk il-ksur jew in-nuqqas jigi ratifikat skont dawn ir-regolamenti, u tali liċenzja tista' mbagħad tkun soġġetta għal kwalunkwe kundizzjonijiet addizzjonali li l-Bord jista' jqis meħtieġa li jimponi.

(3) Kull persuna jew entità li l-liċenzja tagħha tkun ġiet revokata jew sospiża għandha b'mod immedjat trodd lura ċ-Ċertifikat tal-Liċenzja lill-Awtorità.

(4) Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tista' wara li d-detentur ta' liċenzja jinstab ħati, u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Awtorità skont is-subregolamenti preċedenti, tissospendi kuntrattur liċenzjat milli jeżerċita s-sengħa għal kwalunkwe perjodu ta' żmien u, għal dan il-għan, tista' tordna wkoll lill-Awtorità tirrevoka liċenzja maħruġa skont dawn ir-regolamenti jew tirrifjuta li ġġedded il-liċenzja.

(5) L-Awtorità għandha, permezz ta' avviż ta' deċiżjoni ppublikata fil-Gazzetta, fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità, u mdaħħal fir-Registru, tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ismijiet u d-dettalji tad-detenturi ta' liċenzja u tal-amministraturi liċenzjati li l-liċenzja tagħhom tkun ġiet sospiża jew revokata.

(6) Kwalunkwe persuna jew entità li tħossha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità dwar revoka jew sospensjoni ta' liċenzja jew ta' kwalunkwe kundizzjoni oħra, għandu jkollha d-dritt għal appell quddiem it-Tribunal skont l-Att.

(7) F'każ ta' sospenzjoni jew revoka ta' liċenzja jew rifjut

skont dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha tiddeċiedi li terġa' ddaħħal il-kuntrattur jekk il-kuntrattur jissottometti applikazzjoni ġdida u jagħti prova kif ukoll assigurazzjoni suffiċjenti li ħa l-mizuri kollha meħtieġa sabiex jirrettifika kwalunkwe okkorrenza jew ksur li minħabba fih kienet ġiet revokata l-liċenzja.

---

## SKEDA I

Attività ta' Servizz

(regolament 3(1))

L-attivitajiet ta' servizzi li għalihom hija meħtiega liċenzja:

(a) demolizzjoni;

(b) skavar u piling;

(ċ) kostruzzjoni;

*Emendat: A.L. 36 tal-2024.*

## SKEDA II

Kriterji għal kull Attività ta' Servizz

### A. Liċenzjar ta' Kuntratturi tad-Demolizzjoni

1. L-applikant għandu jkun meħtieġ li juri kompetenza f'dawn li ġejjin:

(a) xogħlijiet ta' demolizzjoni;

(b) żarmar ta' elementi strutturali u mhux strutturali;

(ċ) separazzjoni ta' skart tal-kostruzzjoni u ħażna separata;

(d) tagħbija korretta fuq it-trakkijiet;

(e) tekniki tal-irfid;

L.S. 623.08.

(f) għarfien adegwat tar-rekwiżiti bażiċi stipulati fl-Att u fir-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni;

Kap. 424.

(g) għarfien adegwat tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmula taħtu.

2. Fil-każ li l-applikant ikun persuna fiżika, għandu jkun eliġibbli sabiex japplika bħala Kuntrattur tad-Demolizzjoni soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikant għandu jkun fil-pussess ta' jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' demolizzjoni; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' demolizzjoni li jkunu sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti kompluti; jew

(iii) liċenzja ta' bennej b'minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fis-sengħa tal-bini;

(b) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(ċ) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' demolizzjoni fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni ta' Livell 4 iċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika.

3. Fil-każ li l-applikant ikun entità, hi għandha tkun eliġibbli sabiex tapplika bħala Kuntrattur tad-Demolizzjoni soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-amministratur liċenzjat għandu jkun fil-pussess ta' jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'superviżjoni ta' xogħlijiet ta' demolizzjoni; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' demolizzjoni li jkunu sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti kompluti; jew

(iii) liċenzja ta' bennej b'minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fis-sengħa tal-bini;

(b) jimpjega minn tal-inqas impjegat wieħed (1) full-time li jkollu ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, sakemm l-applikant ma jkunx hekk iċċertifikat;

(ċ) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(d) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' demolizzjoni fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni ta' Livell 4 iċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiv xieraq għal din il-kwalifika.

4. Il-Kumitat jista' jqis dokumentazzjoni oħra u, jew esperjenza tal-applikant bħala ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal-limiti tal-kriterji stabbiliti hawn fuq, fejn applikabbli.

5. Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kuntrattur liċenzjat għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha li huma b'xi mod ingaġġati, fdati jew impjegati mal-kuntrattur liċenzjat sabiex iwettqu xogħlijiet ta' demolizzjoni, ikollhom ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollhom kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika:

Iżda kwalunkwe ħaddiema ta' demolizzjoni li ma jkollhomx ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika, jistgħu jkomplu jwettqu xogħol ta' demolizzjoni taħt is-superviżjoni kostanti ta' persuna li jkollha ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tad-Demolizzjoni maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollha kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika skont il-kriterji tal-attività tas-servizz kif elenkati hawn fuq.

**B. Kriteriji għal-liċenzjar ta' kuntratturi ta' skavar u piling**

1. L-applikant għandu jkun meħtieġ li juri kompetenza f'dawn li ġejjin:

(a) xogħlijiet ta' skavar;

(b) l-armar u ż-żarmar ta' appoġġi strutturali u mhux strutturali;

(ċ) tagħbija korretta fuq it-trakkijiet;

(d) tekniki tal-irfid;

(e) rimi ta' materjal ta' skart tal-kostruzzjoni f'faċilitajiet ta' maniġġar tal-iskart;

L.S. 623.08.

(f) għarfien adegwat tar-rekwiżiti bażiċi stipulati fl-Att

u fir-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni;

(g) għarfien adegwat tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmula taħtu. Kap. 424.

Jekk l-applikant ikollu l-intenzjoni li jinkludi xogħlijiet ta' piling taħt din l-attività ta' servizz, l-applikant għandu jkun meħtieġ li juri kompetenza fiċ-ċaqliq ta' tagħmir tal-piling, it-tħaffir jew it-tħaffir ta' munzelli, l-ikkastjar tal-munzelli, u l-kostruzzjoni tal-kappa tal-pile.

2. Fil-każ li l-applikant ikun persuna fiżika, hu għandu jkun eliġibbli li japplika għal-liċenzja ta' Kuntrattur tal-Iskavar soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikant għandu jkun fil-pussess ta', jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f'xogħlijiet ta' skavar u piling sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti li jinvolvu xogħlijiet ta' skavar jew piling;

(b) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(ċ) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' skavar fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar ta' Livell 4 iċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika.

3. Fil-każ li l-applikant ikun entità, hi għandha tkun eliġibbli sabiex tapplika għal liċenzja ta' Kuntrattur tal-Iskavar soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-amministratur liċenzjat għandu jkun fil-pusses ta', jew juri prova ta':

(i) ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali u għandu jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fis-superviżjoni ta' xogħol ta' skavar; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza

f'xogħlijiet ta' skavar jew piling sostnuti minn referenzi ta' mill-inqas żewġ (2) proġetti kompluti li jinvolvu xogħlijiet ta' skavar u piling; jew

(b) jimpjega minn tal-inqas impjegat wieħed (1) full-time li jkollu ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, sakemm l-applikant ma jkunx hekk iċċertifikat;

(ċ) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(d) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' skavar fuq sit ikunu debitament sorveljati minn Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar ta' Livell 4 iċċertifikat skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika.

4. Il-Kumitat jista' jqis dokumentazzjoni oħra u, jew esperjenza tal-applikant bħala ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal-limiti tal-kriterji stabbiliti hawn fuq, fejn applikabbli.

5. Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kuntrattur liċenzjat għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha li huma b'xi mod ingaġġati, fdati jew impjegati mal-kuntrattur liċenzjat sabiex iwettqu xogħlijiet ta' skavar, ikollhom ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollhom kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika:

Iżda kwalunkwe ħaddiema ta' skavar li ma jkollhomx ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika, jistgħu jkomplu jwettqu xogħol ta' skavar taħt is-superviżjoni kostanti ta' persuna li jkollha ċertifikazzjoni ta' Livell 4 bħala Superviżur tal-Impjant tal-Iskavar maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika skont il-kriterji tal-attività tas-servizz kif elenkati hawn fuq.

**Ċ. Kriterji għal-Liċenzjar tal-Kuntratturi tal-Kostruzzjoni**

1. L-applikant għandu jkun meħtieġ li juri kompetenza f'dawn li ġejjin:

(a) kostruzzjoni tal-ħitan tal-ġebel u tal-briks;

(b) disinn u kostruzzjoni ta' xogħol tal-forma;

(ċ) xogħlijiet ta’ ħadid u konkos;

(d) maniġġar tas-sit;

(e) sorveljanza ta’ preparazzjoni ta’ sit qabel ma jinbdew kwalunkwe xogħlijiet, inkluż hoarding u r-rekwiżiti infrastrutturali temporanji eżistenti u proposti;

(f) għarfien adegwat tar-rekwiżiti bażiċi stipulati fl-Att u fir-Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni; L.S. 623.08.

(g) għarfien adegwat tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmula taħtu. Kap. 424.

2. Fil-każ li l-applikant ikun persuna fiżika, hu għandu jkun eliġibbli sabiex japplika bħala kuntrattur tal-kostruzzjoni jekk ikollu fil-pussess tiegħu:

(a) liċenzja ta’ bennej u jkollu minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fix-xogħol ta’ kostruzzjoni;

(b) lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(ċ) ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta’ kostruzzjoni fuq sit ikunu debitament sorveljati minn bennej liċenzjat jew minn persuna li jkollha fil-pussess tagħha ċertifikazzjoni ekwivalenti tal-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali f’xogħlijiet tal-ġebel, jew kwalunkwe kwalifika jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika.

3. Fil-każ li applikant ikun entità, hi għandha tkun eliġibbli sabiex tapplika bħala kuntrattur tal-kostruzzjoni soġġett li r-rekwiżiti li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-amministratur liċenzjat għandu jkun fil-pussess ta’ jew iġib prova ta’:

(i) liċenzja ta’ bennej b’minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza f’xogħol ta’ kostruzzjoni; jew

(ii) minn tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fl-immaniġġar tal-kostruzzjoni sostnuti minn referenzi ta’ mill-inqas żewġ (2) proġetti ta’ bini;

(b) l-applikant jimpjega minn tal-inqas impjegat wieħed (1) full-time li jkun bennej liċenzjat jew li jkollu fil-pussess tiegħu ċertifikazzjoni ekwivalenti tal-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali f’xogħlijiet tal-ġebel, sakemm l-applikant ma jkunx hekk kwalifikat;

(ċ) l-applikant jipprovdi lista tat-tagħmir iċċertifikat kollu li se jintuża;

(d) l-applikant ikollu l-kapaċità sabiex jiżgura li x-xogħlijiet kollha ta' kostruzzjoni fuq sit ikunu debitament sorveljati minn bennej liċenzjat jew minn persuna li jkollha fil-pussess tagħha ċertifikazzjoni ekwivalenti tal-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali f'xogħlijiet tal-ġebel, jew kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xierqa għal din il-kwalifika.

4. Il-Kumitat jista' jqis dokumentazzjoni oħra u, jew esperjenza tal-applikant bħala ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal-limiti tal-kriterji stabbiliti hawn fuq, fejn applikabbli.

5. Mill-1 ta' Jannar 2025, il-kuntrattur liċenzjat għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha li huma b'xi mod ingaġġati, fdati jew impjegati mal-kuntrattur liċenzjat sabiex iwettqu xogħlijiet ta' kostruzzjoni jkunu bennejja liċenzjati jew ikollhom ċertifikazzjoni ta' Livell 3 fil-block layering maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollhom kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika:

Iżda kwalunkwe ħaddiema ta' kostruzzjoni li ma jkunux bennejja liċenzjati jew li ma jkollhomx ċertifikazzjoni ta' Livell 3 fil-block layering maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew ma jkollhomx kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika, jistgħu jkomplu jwettqu xogħol ta' kostruzzjoni taħt is-superviżjoni kostanti ta' bennej liċenzjat jew minn persuna li jkollha ċertifikazzjoni ta' Livell 3 fil-block layering maħruġa skont l-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali, jew li jkollhom kwalunkwe kwalifiki oħra jew esperjenza li l-Kumitat iqis li jkunu ekwivalenti jew alternattiva xieraqa għal din il-kwalifika skont il-kriterji tal-attività tas-servizz kif elenkati hawn fuq.

## SKEDA III

Drittijiet

**1. Drittijiet Amministrattivi:**

Liċenzja ġdida u tiġdid ta' applikazzjoni (regolamenti 13 u 15):

| | | |
|---|---|---|
| (a) | demolizzjoni | €100 |
| (b) | skavar | €100 |
| (ċ) | xogħlijiet ta' kostruzzjoni | €100 |

Drittijiet amminstrattivi oħra:

| | |
|---|---|
| (a) ċertifikat ta' liċenzja doppju maħruġ skont ir-regolament 18 | €100 |
| (b) applikazzjoni għall-kanċellazzjoni ta' liċenzja skont ir-regolament 22 | €100 |

**2. Drittijiet tal-liċenzja applikabbli għall-attivitajiet ta' servizz elenkati fl-Iskeda I (regolamenti 4 u 17)**

Klassi A – Kuntrattur li jkun persuna fiżika (regolament 16(2))

| | |
|---|---|
| A1 – kuntrattur mingħajr l-ebda impjegati | €50 |
| A2 – kuntrattur li jimpjega sa ħames (5) persuni | €100 |
| A3 – kuntrattur li jimpjega sa għaxar (10) persuni | €150 |
| A4 – kuntrattur li jimpjega aktar minn għaxar (10) persuni | €200 |

Klassi B – Kuntrattur li jkun entità (regolament 16(3))

| | |
|---|---|
| B1 – kuntrattur li jimpjega sa għaxar (10) persuni | €200 |
| B2 – kuntrattur li jimpjega sa għoxrin (20) persuna | €250 |
| B3 – kuntrattur li jimpjega aktar minn għoxrin (20) persuna | €300 |

Id-drittijiet ma jitħallsux lura u huma pagabbli qabel il-ħruġ tal-liċenzja jew it-tiġdid tagħha.